MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 469/2009/1

**Malcolm Mallia, Mario Mallia u Pauline Mallia**

**v.**

**Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat imressaq mill-atturi fil-15 ta’ Mejju, 2009, li jaqra hekk:

“(1) Illi r-rikorrenti Mario Mallia u Pauline Mallia huma proprjetarji ta’ sit fi Triq San Frangisk/Triq San Gabriel, Balzan liema sit ghadu mhux zviluppat. Ir-rikorrenti Malcolm Mallia huwa iben l-istess Mario Mallia;

“(2) Illi fis-sena 2004 ir-rikorrenti bl-ghajnuna tal-Perit taghhom issottomettew applikazzjoni f’isem ir-rikorrent Malcolm Mallia li huwa l-izviluppatur tal-progett, ghal permess ta’ zvilupp bin-numru 6858/04 koncernanti s-sit hawn fuq imsemmi liema applikazzjoni tiproponi s-segwenti:

‘Construction of apartments with underlying garages’;

“(3) Illi ghalkemm fiz-zmien li dahlet l-applikazzjoni s-sit in kwistjoni kien ghadu ma giex ‘zoned’ ghall-izvilupp propost fil-Pjan Lokali, effettivament dan is-sit sa minn Lulju, 2006 gie indikat bhala sit li fih jista’ jsir l-izvilupp li kien qed jigi propost fl-applikazzjoni 6858/04;

“(4) Illi nonostante l-fatt mhux kontestat li dan is-sit jinsab fil-Pjan Lokali u leglament l-izvilupp propost kellu jigi approvat minghajr ebda problemi sa minn Lulju, 2006, fl-20 ta’ Awwissu, 2007, cioe` aktar minn sena wara l-approvazzjoni tal-Pjan Lokali li ghandu validita` legali, din il-proposta giet rifjutata mill-Awtorita` intimata bl-iskuza li r-rikorrenti kellhom jiprovdu ‘side curtilage’ ghalkemm ma kienx impost mill-pjan Lokali kif approvat;

“(5) Illi mid-decizjoni ta’ rifjut, ir-rikorrenti ssottomettew talba ghal rikonsiderazzjoni datata 6 ta’ Novembru, 2007 quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ Zvilupp fi hdan l-istess Awtorita` intimata u fit-talba taghhom ghal rikonsiderazzjoni huma emendaw il-pjanti sabiex dawn jigu ezattament konformi ma’ dak li kienet qed titlob minnhom l-Awtorita` b’rizultat li zgur ma kien baqa’ l-ebda raguni valida legalment ghalfejn din l-applikazzjoni kellha tigi rifjutatata;

“(6) Illi nhar is-26 ta’ Frar, 2008, cioe` sena u xaharejn ilu, id-Direttorat gi hdan ukoll l-istess Awtorita` sabiex tapprova l-permess mitlub;

“(7) Illi ghalkemm il-Kummissjoni tifforma parti integrali mill-Awtorita`, nonostante li wara d-data tas-26 ta’ Frar, 2008 saru mill-anqas sitt (6) seduti bl-ghan li tinstema’ u

finalment tigi deciza din l-applikazzjoni, sat-23 ta' Frar, 2009 il-Kummissjoni u cioe` l-Awtorita` ma haditx decizjoni;

"(8) Illi mhux biss, izda nhar it-23 ta' Frar, 2009 wara li l-applikant cioe` r-rikorrent gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu kienet ser tinstema' dak in-nhar, x'hin effettivament issejjah il-kaz, il-Kummissjoni nfurmat lir-rikorrenti li fuq ordni tac-Chairman tal-istess Awtorita` is-Sur Austin Walker, il-kaz kien ser jintbaghat sabiex jigi diskuss quddiem il-Bord tal-MEPA, liema ordni tal-Awtorita` intimata tista' tghid stultifikat kwalunkwe progress fl-applikazzjoni ta' zvilupp msemmija, stante li sal-lum ma ssejhet l-ebda laqgha ohra fuq l-istess applikazzjoni mill-Awtorita` intimata;

"(9) Illi matul dan iz-zmien kollu, l-Awtorita` intimata, giet interpellata diversi drabi sabiex ma tibqax ittawwal ghalxejn u minghajr ebda raguni valida l-hrug ta' dan il-permess u dan fost ohrajn permezz ta' Protest gudizzjarju datat 13 ta' Gunju, 2008, Ittra Ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2008, Protest Gudizzjarju datat Ottubru, 2008, Protest gudizzjarju datat 3 ta' Marzu, 2009 u Ittra Ufficjali datata 14 ta' April, 2009. Ghal dawn l-interpellazzjonijiet, l-Awtorita` intimata qatt ma pprezentat risposta anzi tista' tghid injorathom ghal kollox;

"(10) Illi in vista illi t-talba ghar-rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni tar-rikorrenti giet sottomessa fis-6 ta' Novembru, 2007 cioe` sena u hames xhur ilu u in vista illi l-Artikolu 36 (1) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi terminu fiss ta' tnax-il gimgha, li jista' jigi estiz biss b'mekkanizmu indikat fl-istess sub-artikolu, f'liema perjodu l-Awtorita` intimata hija obbligata tiehu decizjoni dwar kull applikazzjoni ghal zvilupp, ir-rikorrenti permezz ta' protest gudizzjarju datat 3 ta' Marzu, 2009 indirizzat u notifikat lill-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` intimata intalbet tapplika l-mekkanizmu indikat fl-Artikolu 36 tal-Kap. 356 sabiex tigi konsidrata u approvata l-applikazzjoni u fin-nuqqas il-permess ta' zvilupp ikun konsidrat bhala approvat fit-termini indikati fl-istess artikolu.

“(11) Illi ghalkemm il-Protest gudizzjarju msemmi gie notifikat lill-Awtorita` intimata nhar id-9 ta’ Marzu, 2009, l-istess Awtorita` sa nhar l-14 ta’ April, 2009 regghet ma ghamlet xejn fuq din l-applikazzjoni u ghaldaqstant ai termini tas-sub-Artikolu 36 (6) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta l-permess ta’ zvilupp bin-numru 6858/04, gia` minn dak inhar kellu jigi konsidrat bhala legalment approvat u ghalhekk fl-istess data tal-14 ta’ April, 2009 ntbaghtet ittra ufficjal lill-Awtorita` intimata sabiex ai termini tas-sub-Artikolu 6 (f) tal-Artikolu 36 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta tghaddi kopja ta’ dan il-permess ta’ zvilupp, bil-miktub, lir-rikorrenti sabiex ikunu jistghu jibdew ix-xoghlijiet. Fl-istess hin il-Perit tar-rikorrenti Dr. Edwin Mintoff baghat ukoll talba lill-Awtorita` intimata permezz ta’ ittra sabiex ir-rikorrenti jkunu jistghu jinghataw il-linja u b’hekk jinbdew ix-xoghlijiet fuq is-sit;

“(12) Illi kien biss wara dan kollu l-Awtorita` intimata ghogobha tipprezenta ittra ufficjali datata 21 ta’ April, 2009 fejn hija rrilevat li skont hi, l-Artikolu 36 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax jekk applikazzjoni ta’ zvilupp tkun fi stadju ta’ rikonsiderazzjoni. Konsegwentement permezz ta’ ittra datata 23 ta’ April, 2009, l-Awtorita` rrifjutat li taghti l-linja lir-rikorrenti stante li skont hi l-permess ta’ zvilupp ma kienx approvat;

“(13) Illi r-rikorrenti jsostnu li l-Artikolu 36 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ebda mod ma jiddistingwi bejn l-ewwel stadju ta’ applikazzjoni ta’ zvilupp u l-istadju ta’ rikonsiderazzjoni tal-istess applikazzjoni u ghaldaqstant iz-zmien perentorju mpost fuq l-Awtorita` li fih ghandha tigi deciza applikazzjoni ta’ zvilupp u l-konsegwenzi kollha f’kaz li l-Awtorita` ma taghmilx dan japplikaw ukoll fl-istadju ta’ rikonsiderazzjoni;

“(14) Illi ghaldaqstant ghandu jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrenti llum-il gurnata ghandhom id-dritt li jinghataw kopja bil-miktub tal-permess ta’ zvilupp bin-numru PA 6858/04 kif mitlub minnhom, kif ukoll ghandhom dritt li liberament jipprocedu bl-istess zvilupp minghajr ebda indhil iehor da parti tal-Awtorita` intimata;

"(15) Illi dan ir-rikors guramentat qieghed isir minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni wkoll pendenti bejn il-partijiet dwar id-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tad-dewmien da parti tal-Awtorita` intimata, fuq liema kwistjoni ser jigi wkoll intavolat rikors guramentat separat kontra l-Awtorita` intnimata;

"**GHALDAQSTANT TGHID L-AWTORITA` INTIMATA GHALIEX DIN L-ONORABBLI QORTI M'GHANDHIEX:**

1. "Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Artikolu 36 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta japplika wkoll meta applikazzjoni tkun fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni pendenti quddiem l-Awtorita` intimata;
2. "Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ottjenew ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta il-permess ta' zvilupp bin-numru PA 6858/04 kif mitlub minnhom;
3. "Tordna lill-Awtorita` initmata sabiex fi zmien qasir u perentorju tghaddi d-dokument bil-miktub tal-permess ta' zvilupp bin-numru PA 6858/04 u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jipprocedu bl-izvilupp de quo ank fl-assenza ta' dan id-dokument;
4. "Tordna lill-Awtorita` intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju taghti l-linja tal-bini lir-rikorrenti jipprocedu bl-izvilupp de quo anki minhgajr l-istess linja;

"B'riserva ghad-danni sofferti mir-rikorrenti.

"Bl-imghax, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali u protesti gudizzjarji notifikati lill-Awtorita` intimata u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tal-Awtorita` intimata in subizzjoni."

Rat ir-risposta pprezentata mill-Awtorita` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda stante li l-Art. 36 tal-Att I tal-1992 ma japplikax ghall-applikazzjonijiet fi stadju ta' rikonsiderazzjoni u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-kors ta' dan ir-rikors;

“2. Illi konsegwentement it-tieni u t-tielet talba wkoll ghandhom jigu michuda stante kif intqal fl-ewwel prmessa odjerna, l-Art. 36 ma japplikax ghal dan il-kaz u ghalhekk tali permess ma nharigx a bazi ta’ dan l-Artikolu;

“3. Illi ulterjorment ir-raba’ talba ghandha tigi michuda wkoll u l-Awtorita` esponenti ma tistax tohrog linja ta’ bini qabel ma jinghata l-istess permess u ghal dan il-ghan ghandha tinghata decizjoni opportuna mill-Bord;

“4. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Ottubru, 2010, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta fis-sens li l-Artikolu 36 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp) ma jolqotx applikazzjonijiet ghall-permess tal-izvilupp li jkunu fi stadju ta’ rikonsiderazzjoni;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“8. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-art. 36, li fuqhom huma mibnija t-talbiet tal-atturi u l-eċċezzjoni tal-konvenuta, igħidu hekk.

“**36.** (1) Ħlief kif provdut fid-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni dwar kull applikazzjoni għal żvilupp meta tkun -

“(a) għal żvilupp propost f’konfini ta’ skema dwar provvedimenti temporanji jew f’konfini ta’ żvilupp kif indikat fi pjan lokali; u
“(b) f’konformità ma’ pjanijiet ta’ żvilupp u *policies* ta’ ppjanar
“mhux aktar tard minn tnax-il ġimgħa wara li tkun validat l-applikazzjoni:

… … …

"(4) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1) ... għandu jiġi sospiż … matul kull perjodu sakemm l-applikant, fuq talba tal-Awtorità, jissottometti pjanti emendati, tagħrif ġdid jew risposti għal xi oġġezzjoni magħmula mill-Awtorità għall-applikazzjoni:

… … …

"(5) Meta jagħlaq iż-żmien … imsemmi fis-subartikolu (1) u l-Awtorità ma tkunx iddeċidiet dwar l-applikazzjoni, l-applikant jista' permezz ta' ittra reġistrata liċ-*Chairman* tal-Bord jitlob li jsir dwar l-applikazzjoni tiegħu kif maħsub fis-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu.

"(6) (*a*) Meta ċ-*Chairman* tal-Bord jirċievi ittra reġistrata bħal ma msemmi fis-subartikolu (5) hu għandu fl-ewwel lok jistabbilixxi jekk iż-żmien … imsemmi fis-subartikolu (1) ikunx skada. Jekk iċ-*Chairman* tal-Bord jidhirlu li ma jkunx il-każ, għandu jinforma lill-applikant u jinformah bir-*raġuni l-għala dak iż-żmien ma jkunx hekk skada.*

(*b*) Jekk iż-żmien ikun skada, iċ-*Chairman* tal-Bord għandu jordna lid-Direttur biex fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data meta ċ-*Chairman* tal-Bord ikun irċieva dik l-ittra, id-Direttur jipproċessa l-applikazzjoni u jagħmel ir-rapport dwar l-applikazzjoni liċ-*Chairman* tal-Bord.

(*ċ*) Meta ċ-*Chairman* tal-Bord jirċievi r-rapport tad-Direttur jew ikunu għaddew il-ħamest ijiem tax-xogħol imsemmija fil-paragrafu (*b*) huwa għandu jpoggi l-applikazzjoni fuq l-aġenda tas-seduta li tkun tmiss tal-Awtorità jew il-Kummissjoni, skond il-każ, u l-Awtorità jew il-Kummissjoni, skond il-każ, għandha fl-ewwel seduta, jew bil-kunsens tal-applikant f'seduta ulterjuri, tiddeċiedi jekk l-applikazzjoni hiex waħda li taqa' taħt is-subartikolu (1) u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 13(6) ma għandhomx japplikaw.

(*d*) Jekk l-Awtorità jew il-Kummissjoni, skond il-każ, tiddeċiedi li l-applikazzjoni tkun

waħda li taqa’ taħt is-subartikolu (1), l-Awtorità jew il-Kummissjoni, skond il-każ, għandha minnufih tgħaddi biex toħrog il-permess għall-iżvilupp bi jew mingħajr kundizzjonijiet kif jidhrilha xieraq.

(*e*) Jekk l-Awtorità jew il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-applikazzjoni mhix waħda li taqa’ taħt is-subartikolu (1), l-Awtorità jew il-Kummissjoni, skond il-każ, għandha tibgħat l-applikazzjoni lid-Direttur biex jipproċessa l-istess applikazzjoni skond il-liġi.

(*f*) Jekk l-applikazzjoni ma tinġiebx quddiem l-Awtorità jew il-Kummissjoni għal deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu (*ċ*) jew jekk l-Awtorità jew il-Kummissjoni, skond il-każ, wara li tiddeċiedi skond il-paragrafu (*d*) ma toħrogx il-permess fi żmien erba’ ġimgħat, l-applikazzjoni għandha titqies li ġiet approvata u s-Segretarju ta’ l-Awtorità għandu minnufih joħroġ il-permess għall-iżvilupp relattiv soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet *standard* li normalment jiġu imposti f’permess għal żvilupp.

“(7) (*a*) Meta applikazzjoni ma tkunx waħda li taqa’ taħt is-subartikolu (1), l-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni mhux aktar tard minn sitta u għoxrin ġimgħa wara li tkun validat l-applikazzjoni.
(*b*) Id-disposizzjonijiet tal-proviso għas-subartikolu (1), u tas-subartikoli (2), (3) u (4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għaż żmien ta’ sitta u għoxrin ġimgħa msemmi fil-paragrafu (*a*).”

“9. Is-sentenza tallum hija biss dwar jekk dawn id-disposizzjonijiet igħoddux biss għall-ewwel talba li ssir biex jinħareġ permess tal-ippjanar, jew igħoddux ukoll meta tkun saret talba għal rikonsiderazzjoni; tibqa’ bla preġudizzju l-kwistjoni jekk seħħewx il-kondizzjonijiet kollha li trid il-liġi biex itt-talba għall-ħruġ tal-permess titqies milqugħa.

1.

“10. Il-ħsieb ta’ dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi jidher ċar li huwa biex deċiżjonijiet finali dwar talbiet għal permessi ta’ żvilupp jittieħdu fi żmien determinat u limitat, u ma

jagħmilx sens li dawn iż-żminijiet ikunu jgħoddu biss għat-talba meta ssir l-ewwel darba iżda ma jgħoddux meta t-talba tiġi meqjusa mill-ġdid. Il-liġi stess stess ma tagħmilx distinzjoni; tgħid biss illi "l-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni dwar kull applikazzjoni għal żvilupp" fiż-żmien li tagħti l-liġi, u meta l-applikazzjoni tkun meqjusa mill-ġdid xorta tibqa' meħtieġa deċiżjoni dwarha."

Rat l-appell li l-Awtorita` konvenuta, wara awtorizazzjoni tal-Qorti, ressqet kontra din is-sentenza li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-14 ta' Ottubru 2010 in kwantu dina cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` appellanti, u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-istess eccezzjonijiet tal-Awtorita` appellanti, tichad it-talbiet tar-rikorrenti appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-Awtorita` appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-Ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din is-sentenza hija dwar interpretazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Att indikat, liema artikolu jinsab riprodott fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Skont l-ewwel Qorti t-terminu ta' tnax-il gimgha imsemmi fis-sub-Artikolu (1) tal-istess artikolu, japplika wkoll meta l-applikazzjoni tkun fi stadju ta' rikonsiderazzjoni fuq talba tal-applikant.

L-Awtorita` intimata appellat mis-sentenza ghax qieset li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata lill-artikolu in kwistjoni.

Din il-Qorti taqbel mat-tezi konvenuta. L-artikolu tal-ligi li jitkellem fuq rikonsiderazzjoni johloq metodu ta' kontestazzjoni ta' decizjoni u mhux metodu ta' kif tigi determinata applikazzjoni. L-Artikolu 36 jitkellem fuq it-terminu li fih l-Awtorita` intimata ghandha tiehu decizjoni dwar kull applikazzjoni ghall-izvilupp; darba li tittiehed id-decizjoni, dak l-artikolu ma jibqghax applikabbli aktar. L-Artikolu 37, imbaghad, jipprovdi kif wara kull decizjoni jista' jew jigi interpost appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jew issir talba lill-istess Awtorita` sabiex din tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha. Ghal dawn l-ahhar proceduri, l-Artikolu 36 ma japplikax, peress li dan hu marbut mal-konsiderazzjoni originali tal-applikazzjoni.

Kif tajjeb osservat l-Awtorita` konvenuta, il-qari tal-istess Artikolu 36 jaghti affidament lil din il-konkluzjoni, u dan specjalment meta wiehed jirreferi:

a. Is-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu, jitkellem car illi t-termini msemmija fl-istess sub-artikolu jibdew jidekorru minn "wara li tkun giet validata l-applikazzjoni"; dan ma japplikax meta ssir talba ta' rikonsiderazzjoni;

b. Is-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu, jipprovdi sospensjoni tat-terminu fejn jintalbu studju, bhal ma huwa studju fuq l-impatt ambjentali, meta huwa car illi fl-istadju ta' kontestazzjoni ta' decizjoni, inkluz fl-istadju ta' konsiderazzjoni mill-gdid, jistghu jsiru tibdiliet fil-pjanti BISS u basta tali tibdiliet ma jbiddlux "is-sustanza tal-izvilupp". Certament illi f'dan l-istadju ma jistax jintalab studju dwar l-impatt ambjentali, fost l-ohrajn;

c. Is-sub-artikolu (5) jitkellem car illi "l-applikazzjoni ghadha tigi approvata", referenza cara ghall-fatt li hawn si tratta ta' determinazzjoni ta' applikazzjoni. L-istadju li fih l-atturi invokaw l-Artikolu 36, u cioe` stadju ta' kontestazzjoni ta' decizjoni, id-decizjoni li tkun trid tittiehed mill-Kummissjoni jew l-Awtorita` hija dwar jekk it-talba imressqa fil-kontestazzjoni ghandhiex tintlaqa', u mhux jekk l-applikazzjoni ghandhiex tigi approvata;

d. Is-sub-artikolu (7) tal-istess artikolu jikkonferma kemm il-provvedimenti tas-sub-artikolu (5) u (6) japplikaw biss ghall-applikazzjonijiet, u terga' tghid mhux ghal kull applikazzjoni. Dan stante li fis-sub-artikolu (7), li jitkellem dwar applikazzjonijiet li ma jaqghux taht is-sub-artikolu (1) u ghaldaqstant huma applikazzjonijiet li jikkoncernaw sit li jew huwa 'l barra miz-zona tal-izvilupp jew applikazzjoni dwar zvilupp mhux konformi mal-policies tal-Awtorita`, f'dak il-kaz, l-unika provvedimenti mill-Artikolu 36 li huma applikabbli huma is-sub-artikoli (1) proviso, (2), (3) u (4). Is-sub-artikoli (5) u (6), li l-atturi qeghdin jinvokaw bhala applikabbli fi stadju ta' kontestazzjoni ta' decizjoni, lanqas biss huma applikabbli ghall-applikazzjonijiet bhal dawk imsemmija fis-sub-artikolu (7). Dan ikompli jikkonferma illi l-Legislatur ried illi l-provvedimenti tal-Artikolu 36, u senjatament is-sub-artikoli (5) u (6) jkunu applikabbli f'certu kazijiet BISS u certament limitati ghall-istadju ta' determinazzjoni ta' applikazzjoni.

Mhux kaz li din il-Qorti tipprovdi ghac-cirkostanzi mhux ikkonsidrati mil-ligi bhala misthoqqa ta' terminu fatali. Ma giex impost terminu ghal kaz ta' rikonsiderazzjoni peress li dawn it-talbiet isiru a bazi ta' dokumenti gia` kollezzjonati u ma kienx kontemplat li dawn it-talbiet jiehdu tul ta' zmien. Li hu zgur, meta ligi timponi terminu b'konsegwenzi serji, ma jistax dak it-terminu jigi estiz ghal kazijiet ohra, ikun x'ikun "is-sens" tad-dispozizzjoni kif tifhimha l-Qorti.

In vista tal-fatt li din il-Qorti sejra tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, ma hemmx lok li l-atti jigu rinvjati ghal quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni; darba tigi milqugha l-eccezzjoni relattiva tal-Awtorita` konvenuta, il-konsegwenza twassal ghac-cahda tat-talbiet attrici, kollha marbuta mal-premessa li l-Artikolu 36 japplika wkoll fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Awtorita` konvenuta billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tghaddi biex minflok tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi appellati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------